Minuti tas-seduta tlieta u għoxrin (23) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026 fil-5.30pm f'Dar ir-Rabtin, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat,

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Il-laqgħa bdiet kwarta tard minħabba li kien imsejjaħ is-Sur Alan Fenech, biex jagħti preżentazzjoni dwar il-programm CERV tal-Unjoni Ewropeja.

23.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Apoloġija u Presedenza

Inqrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Paul Grech u din ġiet aċċettata unanimament mil-kunsillieri preżenti. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

23.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru wieħed u għoxrin u tnejn u għoxrin (laqgħa b'urġenza)**

Minuti numru 21 u 22

Il-Minuti kienu meħuda b'moqrija għaliex kienu mibgħuta lill-kunsillieri mal-agenda u dawn ġew imressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u kienu approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet.

23.03 **Ċedola tal-Pagamenti 379**

Ċedola tal-pagamenti numru 379

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 379 kienet mgħoddija mal-agenda, meħuda b'moqrija u din kienet approvata b'vot unanimu.

23.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi 97**

Ċedola tax-xiri ta' oġġetti u servizzi

Iċ-ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi kienet imressqa għall-vot u din kienet approvata b'vot unanimu.

23.05 **Rapport Amministrattiv 2025**

Rapport Amministrattiv 2025

Ir-rapport amministrattiv 2025 kien mgħoddi *hard copy* lil kull kunsillier fis-seduta ta' Frar. Kien hemm osservazzjoni illi ma kienx hemm imdaħħal ix-xogħol tal-€1.2M tar-restawr tal-uffiċċju muniċipali għaliex kien intemm fis-sena 2024 u peress li dan ġie inawgurat fl-2025, is-SE kien mitlub biex jagħmel addendum u jdaħħal dawn ix-xogħlijiet. L-addendum kien provdut f'din il-laqgħa.

23.06 **Fond għall-Iżvilupp Urban: restawr ta' statwi mal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, restawr tal-Kappella ta' Qasgħa, restawr tal-linef tal-Knisja ta' Santu Wistin u l-faċċata tal-Knisja** Fond għall-Iżvilupp Urban

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega illi dan il-fond tal-Awtorità tal-Ippjanar jista' jkun aċċessibbli kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-NGO's. Il-parti riżervata tal-NGO's irid jiffirma għaliha rappreżentant tal-Kunsill. Għaldaqstant, matul din il-laqgħa il-Kunsill Lokali tar-Rabat ta n-no objection biex il-Patrijiet tal-Knisja ta' Ġieżu japplikaw biex jutilizzaw il-fondi għar-restawr tal-istatwi li hemm mal-Kunvent tagħhom, il-Parroċċa ta' San Pawl tapplika biex tkun restawrata l-Kappella ta' Qasgħa u l-Patrijiet ta' Santu Wistin biex iwaħħlu dwal mal-faċċata tal-Knisja tagħhom u jirrestawraw il-linef tal-Murano li għandhom fil-Knisja.

23.07 **Applikazzjoni Kultural Annwali tad-DGL – Rabat Sacrum** Attività Kulturali Annwali

Kienet diskussa din l-applikazzjoni u s-Sur Rudolph Grima ta aktar dettalji dwarha. Din se timtela' mis-Segretarju Eżekuttiv fuq id-dettalji li se jkun qed jgħaddilu mentri nhar is-6 ta' April se jiltaqgħu is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, is-Sur Rudolph Grima u s-SE. Sadanittant, hu qal li talab stima għal sagħtejn, għal ħames elementi ta' banda u żewġ kantanti mingħand is-Sur Spiteri Lucas li ġiet tiswa' €4,100. Is-Sur Rudolph Grima tkellem dwar il-Park and Ride li s'issa jidher li ma ntużax u l-applikazzjoni trid timtela' u tintbgħat sa nhar l-14 ta' April, 2026.

23.08 **Applikazzjoni Minn Pjazza għal Pjazza tad-DGL** Minn Pjazza għal Pjazza

Is-Sa Charmaine Balzan ipprovdiet id-dettalji u tat spjega ta' x'għandu jitniżżel fuq l-applikazzjoni. Hija qalet illi fiz-zuntier se jkun hemm il-bouncing castle/s filwaqt li fil-Pjazza se jkun hawn comedy show b'live band u fuq kollox il-parteċipazzjoni tal-pubbliku. Id-dati huma it-18 ta' Lulju, dik alternattiva se tkun tad-19 ta' Lulju u se jitqabbdu wkoll ir-Red Cross biex jiġu jieħdu l-pressjoni u l-livelli taz-zokkor ta' kull min ikun jixtieq. Se jkun hemm tpenġija dak il-ħin (live) minn min jattendi kif ukoll zona għat-tfal u għall-films.
L-applikazzjoni se jimliha s-Segretarju Ezekuttiv

23.09 **Applikazzjoni Milied 2026 tad-DGL** Applikazzjoni tal-Milied

Is-Sa Charmaine Balzan issuġġeriet illi din l-attività issir fl-istess post li fiha konna organizzajna l-Breakfast with Santa nhar it-8 ta' Diċembru, 2026. L-applikazzjoni se jimliha is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li kien hemm diskussjoni dwar jekk għandux ikun hemm it-train rides tar-Rabat u dik tal-Baħrija. Kien deċiż illi ssir dik tal-Baħrija u ma ssirx dik tar-Rabat minħabba l-konkorrenza mhix sostenibbli min-naħa tar-Rabtin. L-attivitá tal-anzjani u dik tat-tfal għal żmien il-Milied se jiġu organizzati bħala attività waħda.

23.10 **Applikazzjoni Clean Up tad-DGL** Clean Up

Għal din l-applikazzjoni kien deċiż illi nissieħbu mar-Reġjun Punent. Biex ninvolvu lill-Rabat Scouts u lill-Girl Guides, se nistaqsuhom sabiex isibu s-sit huma sabiex kemm jista' jkun joffru ċertu safety peress li mhux idejali biex per eżempju jitnaddaf wied minħabba l-

biża' li jaqa' xi ħadd. Is-SE se jikkomunik mar-Reġjun Punent f'dan l-istadju hekk bikri peress li din se tinżamm f'Settembru.

23.11 **Applikazzjoni tal-Karnival 2027 tad-DGL** Attività tal-Karnival 2027

L-attività tal-Karnival 2027 se nipproponu li ssir mil-Kunsill nhar is-7 ta' Frar 2027. Se nippruvaw ukoll insibu sala biex ma jerġax jisfrattalna kollox il-maltemp bħalma ġara din is-sena.

23.12 **Applikazzjoni Komunitajiet Aktar b'saħħithom tad-DGL** Promenade tal-Virtù

Kien deċiż illi mmexxu bl-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar biex isir il-promenade tal-Virtù. Diġa' għandna l-pjanti u l-istimi lesti u għaldaqstant ħafna mix-xogħol huwa lest. Dan hu post ta' high landscape value fejn ħafna Rabtin jieħdu gost igawdu speċjalment fis-Sajf meta t-temp jippermetti ftit frisk.

23.13 **Applikazzjoni Manutenzjoni ta' Proġetti tal-Gvern Ċentrali Maġġuri** Manutenzjoni ta' proġetti tal-Gvern Ċentrali

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa illi jkun imbuttat il-proġett tal-pavimentar ta' Triq Doni u ta' partijiet tal-Pjazza tal-Parroċċa. Dawn it-tiswijiet huma iminenti u għaldaqstant se nimlew l-applikazzjoni biex issir din il-manutenzjoni.

23.14 **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv** Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kien deċiż illi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ikun is-Sur Shawn Tanti li bħalissa jservi ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli.

23.15 **EOI Sidewalk Libraries** Librerija fil-beraħ

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li jidħol għal din l-inizjattiva biex ikattar il-qari speċjalment fost iż-żgħar. Kien deċiż li din il-librerija ssir fil-Ġnien ta' San Duminku.

23.16 **Propost Rapport fuq it-Traffiku minn ADI** Rapport fuq it-Traffiku

Ma kienetx trattata

23.17 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika (Ġonna Zone 3)** Rapport ta' Evalwazzjoni

Ir-rapport tal-Evalwaturi kien provdut mad-dokumenti tal-agenda. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u x-xogħol se jagħmlu *Green Ivy*.

23.18 **Programm ta' Attivitajiet Anzjanità Attiva 2026** Programm ta' Attivitajiet għall-Anzjani

Il-programm tal-attivitajiet imħejji mis-Sa Graziella Brincat, kien provdut lill-kunsillieri mal-agenda. Dan kien approvat wara li s-Sa Graziella Brincat ippreżentat programm mimli għas-sena 2026.

23.19 **Laqgħa Annwali tal-Lokalità** Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Kien deċiż illi din issir nhar it-8 ta' April, 2026 fis-6.00pm fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

23.20 **Talba minn impjegata għal Family Friendly Measures** Family Friendly Measures

It-talba saret mis-Sa Fabienne Vassallo biex mis-1.30pm sat-3.00pm taħdem bir-remote working. Kien hemm diskussjoni fil-Kunsill għaliex



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

jista' jkun hemm talbiet simili minn impjegati oħra li ma jkunux jistgħu jiġu rifjutati. It-talba intlaqgħet unanimament għax l-impjegata taħdem back office u mhux front office. Kien hemm mistoqsija oħra mis-Sur Nazju Cassar fejn talab klarifika fl-iskeda tal-pagamenti dwar l-Educational Campaign Leader, is-Sur Carmelo Busuttil. Is-Sindku qal illi dan hu seconded mal-Kunsill u l-paga tiegħu nirkuprawha mid-Direttorat tal-Litteriżmu. Is-SE qal li dan qiegħed fuq il-payroll eżattament bħalma kienet Yvonne Spiteri li wkoll kienet taħdem fil-Kunsill b'dak il-mod ftit tas-snin ilu.

23.21 **Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira** — Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun qed jinawgura wirja ta' statwi minjatura fis-sala tal-Kunsill Lokali għada, 26 ta' Marzu, 2026 tas-Sur Emmanuel Genovese. Minbarra li offrejna l-ispazju mingħajr ħlas, ħallasna wkoll xi spejjeż tal-promozzjoni fi stampar. Konna strumentali biex slifna easels lis-Sur Vincent Mangani fil-wirja tal-ikoni tiegħu li bħalissa qiegħda tittella' fil-kunvent ta' Santu Wistin u wkoll easels u hanging boards permezz ukoll tar-Reġjun Punent lis-Sa Bugeja li se tinawgura wirja ta' mużajk nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu. Din tal-aħħar huwa l-proġett tagħha tas-Systems of Knowledge.

Intalbet għajnuna finanzjarja miż-żewġ Każini tal-Banda biex itellgħżu żewġ kunċerti rispettivi fis-sede tagħhom. Dawn it-talbiet se jkunu milqugħa bħas-sena l-oħra.

23.22 Punti Oħra

23.22.01 Is-Sur Alan Fenech ta ħarsa lejn il-**programm CERV** u informa lill-kunsillieri illi dan jagħti spazju mhux biss għall-femminiżmu iżda wkoll għat-tradizzjoni, il-wirt kulturali u l-viżibilità tar-Rabat. Il-KLR wara li kkonferma illi m'hux se jkun hemm spejjeż min-naħa tagħna, dan il-programm se jkun ta' benefiċċju u għaldaqstant għada stess se nikbtu lit-Taljani li huma il-Lead Partners li se nissieħbu magħhom. — Programm CERV

23.22.02 Is-Sur Norbert Grech tkellem dwar in-nuqqas ta' nfurzar bit-trakkijiet li anke saħansitra qed jidħlu fi Triq ir-Rebħa. Issemma' wkoll in-nuqqas ta' nfurzar bi żwiemel bil-karozzini deħlin kontra l-one way mill-Pjazza tal-Parroċċa għalTriq San Pawl. — Nuqqas ta' Nfurzar

23.22.03 Is-Sur Rudolph Grima semma' l-każ tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Pjazza Saqqajja hekk kif issa għadu għaddejn ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-Pjazza. Semma' l-bżonn li s-sistema tax-xarabankijiet tibqa' kif inhi llum (fil-perjodu temporanju) bil-waqfa tkun fi Triq Gorg Borg Olivier, dejjem għax-xarabankijiet li jitilgħu mit-Telgħa tas-Saqqajja. — Saqqajja u x-xarabankijiet

23.22.04 Is-Sur Nazju Cassar semma' l-bżonn li ssir rampa fi Triq il-Kulleġġ fejn id-dentist biex minnha jitilgħu il-wheel chairs mit-triq għal fuq il-bankina. Semma' wkoll li hemm lista ta' postijiet li fihom ingħata l-konkos u talab id-dettalji dwarhom. — Rampa fi Triq il-Kulleġġ

| | | |
|---|---|---|
| 23.22.05 | Is-Sur Norbert Grech talab li titwaħħal sleeping policeman fi Triq Wied il-Bużbież. Sleeping policeman oħra kienet mitluba mis-Sur Nazju Cassar 'l isfel minn Xmun F/H Misraħ Suffara fejn lanqas hemm bżonn li jkun hemm il-firem tar-residenti għaliex m'hemmx residenti hemmhekk. | Sleeping Policeman |
| 23.22.06 | Is-Sur Norbert Grech talab li l-Kunsill jikkonsulta mal-Istreet Naming Committee biex jissuġġerixxi huwa stess ismijiet ta' toroq ġodda fir-Rabat biex insegwu t-talbiet magħmula minnha fix-xhur li għaddew u dawn kull darba jsibu diffikultà bl-istess ismijiet. | Street Naming Committee |
| 23.22.07 | Kien hemm diskussjoni dwar l-*in-kind donation* ta' ktieb lil Pateareas fi Spanja fl-iskeda tax-xiri ta' oġġetti u servizzi. Is-SE qal illi hu ppjanat illi delegazzjoni minn Malta tmur Spanja għal Festa ta' Corpus Domini. | Ponteareas |
| 23.23 | **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss**<br>Il-laqgħa spiċċat fid-8.42 u dik li jmiss se ssir nhar it-22 ta' April, 2026 fil-5.30pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22 ta' April, 2026 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt